**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Illum l-Hamis 28 ta' Novembru, 2019**

**Rikors nru: 9/18 AGV**

**A sive B C**

**Vs**

**DC**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti zzewwget lil DC fil-21 ta' Novembru, 1976 u minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom erbat itfal maggorenni, EC li twieldet nhar l-4 ta' Jannar, 1983, FC li twieled nhar is-27 ta' Dicembru, 1983, GC li

twieldet nhar it-3 ta' Dicembru, 1985 u HC li twieled nhar it-18 ta' Settembru, 1996 (ara c-certifikat taz-Zwieg u c-certifikati tat-Twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A sa Dok. E).

2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba swat, abbuz tad-drogi, vjolenza, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fil-ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-ligi bi htija imputabbli unikament lill-konvenut.

3. Illi l-konvenut ghandu l-vizzju tad-droga, konsegwenza ta' liema biegh diversi mobbli tal-konjugi u huwa bniedem kontrolluz u vjolenti fizikament, emozzjonalment u finanzjarjament fil-konfront tal-esponenti, liema vjolenza gew kommessi anke fil-presenza ta' uliedhom, sahansitra meta kienu minuri.

4. Illi ghalhekk, il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut.

5. Illi ghalkemm l-esponenti ppruvat tilhaq ftehim bonarju, il-konvenut beda juza' l-proceduri ta' medjazzjoni sabiex ikompli jikkontrolla lill-esponenti, filwaqt li baqa' jsegwi l-passi taghha; u konsegwentement, hija giet kostretta titlob l-gheluq tal-procedura ta' medjazzjoni. Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat 14 ta' Dicembru, 2017 (ara Dok. F).

6. Il-fatti hawn ddikjarati tafhom hi personalment.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1.Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni ghar-ragunjiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza fizika u psikologika, theddid, ingurji gravi, sevizzi u minacci li rrendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tirrisjedi gewwa xelter.

2.Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta’ manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut ghall-esponenti kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju u/jew pensjoni li qed jippercepixxi l-konvenut u jigu depozitati f’kont bankarju indikat mill-esponenti u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta’ kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja.

3.Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponent.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut u dan okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5.Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, filwaqt li

tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

6.Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum, hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

7.Tappunta espert komputista sabiex jirrelata dwar id-djun ezistenti u l-assi ezistenti.

8.Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikoli 48 et. seq. tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 sa 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

9.Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha "I."

10. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet kollha, inkluz tal-ittri u medjazzjonijiet, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

**FATTI**

1.Il-partijiet kienu ltaqghu fis-sena 1974 u damu sentejn johorgu flimkien. Ftit qabel iz-zwieg kienet saret taf li kien gidbilha dwar l-eta’ tieghu. Izzewwgu fil-21 ta’ Novembru, 1976.

L-iktar li kien ikollhom xi jghidu kien minhabba li l-konvenut kien iqatta’ hinijiet twal ix-xoghol, peress li kien jahdem fil-kumpanija tal-familja Speedy Rent – A – Car. Kienet thoss li l-familja tal-konvenut ma tantx kienu jgibuha u peress li damu ma kellhom it-tfal kienu jghajjruha u l-konvenut qatt ma qabez ghaliha.

Meta gew it-tfal ma tantx kienet issib ghajnuna minghandu u lanqas ma kellha familja biex tghinha ghax ommha kienet mietet. Xi kultant kien imur ighinha missierha. Kienu jargumentaw ukoll fuq il-kontijiet li kien idum ma jhallas il-konvenut, partikolarment kienet tiddejjaq meta ma kienx ihallas il-mizati tal-iskola tat-tfal fil-hin. Kienet thossha umiljanti ghat-tfal u kien hemm okkazzjoni fejn l-iskola kienet se tkeccihom. Darb’ ohra anke d-dawl kienu se jaqtghulhom peress ma kienx hallas il-kontijiet.

L-attrici tghid li l-konvenut kien diga’ beda jaghmel id-dejn ghalhekk ma kienx qed ilahhaq ihallas il-kontijiet. Bhala flus ma kienx jaghtiha ammont fi xahar, tghid li kien ihallilha ammont ta’ flus xi Lm10, imbaghad Lm30 kuljum, izda fil-weekend jew public holidays ma kien ihallilha xejn, Kien jaghmel ix-xirja hu, izda mbaghad beda ma jaghmilix. Kien hemm perjodi fejn kienet tispicca bla flus u kien ikollha tissellef minghand missierha li kien pensjonant. Gieli lanqas kien ikollha flus sabiex tixtri l-medicina taghha “Seroxat,” u “Levotyroxin.”

Kien biss meta kellha tmur mal-konvenut l-HSBC biex tiffirma xi dokumenti u kien hawn li saret taf li kellu €100,000 dejn ma' banek differenti u gew amalgamati mal-HSBC.

L-inkwiet zdied meta binthom G kellha hames snin. Il-konvenut kien mar l-Amerika ghall-vakanza wahdu u qabel ma telaq kien stqarr mal-attrici li kien hemm hafna inkwiet bejniethom u wahhal fuq il-fatt li kienet tattendi prayer groups. Kienet mdejjqa hafna sakemm il-konvenut gie lura, li kienet fethet qalbha mad-Direttur Spiritwali tal-prayer group u kien taha parir li jekk il-konvenut jaghtiha raguni gusta ghalfejn ghandha titlaq mill-prayer group, kien ikun ahjar li titlaq. Meta kkonfrontat lill-konvenut mal-wasla tieghu, hu ghamilha cara li ma kienx ried ighid hekk. Hawn l-attrici ddecidiet li titlaq mid-dar, izda l-konvenut ma halliehx.

Bdiet tircievi ittri ffirmati minn certu J, li kien wiehed mil-leaders tal-komunita' li kellu grazzja maghha, izda rrizulta li dawn l-ittri kienu qed jintbaghtu mill-konvenut. Imbaghad l-inkwiet zdied meta l-konvenut kien ghamel hbieb ma' KL u iehor b'kunjomu M. Kienu organizzaw negozju, li jiehdu lit-turisti Comino fis-sajf bid-dghajjes, ghax il-konvenut kellu dghajsa u ghamel sajf jibqa' barra iljieli shah, filwaqt li hi kienet toqghod id-dar mat-tfal.

Meta kienet tqila bit-tifel H regghu bdew jircievu ittri minghand il-banek u kien anke sar irkant tal-proprjetajiet tal-kumpanija li kellu l-konvenut. Meta H kellu xi sena u nofs, hi kienet telqet mid-dar matrimonjali bih ghal istess ragunijiet minhabba li kienet tkun dejjem wahedha, trabbi lil uliedha u kien hemm nuqqas ta' rispett u hafna tghajir minghand il-konvenut. Kienet ippruvat tmur Dar Merhba Bik, imma ghamlet lejl u kienet spiccat

marret lura d-dar. Kienet ukoll marret ghand missierha xi tlett darbiet ghal istess ragunijiet.

Problema ohra kienet l-irresponsabilita' tal-konvenut. Kien jonqos li jhallas l-insurance tal-karozza taghha u li gieli wahhal licenzja ta' vettura ohra fuq il-vettura taghha u kien ghalhekk li kienu jircievu diversi citazzjonijiet.

Fl-2005, il-konvenut kien tah lil binhom F il-garaxx tal-kumpanija Quick Fit Silencers, li sar jaf li kien hemm ipoteka fuqu mal-HSBC minhabba d-djun ta' missieru. F ipprova jiehu loan biex ihallas dan id-dejn u kienu fl-ahhar irrangaw mal-Banif Bank. L-attrici tghid li saret taf li l-konvenut kien *blacklisted* mal-banek lokali.

2. L-attrici tghid li l-konvenut kien baqa' ma jghidlha xejn dwar id-djun tieghu, izda kienet taf li kellu dejn ma' xi kumpaniji tal-parts tal-karozzi, tat-tyres u makkinarju li juzaw il-mechanics tal-karozzi. Kellu ukoll djun ma' Melita plc., Go plc. u Vodafone.

3. Fl-2008, wara li kienet hadet parir minghand l-avukata taghha, iddecidiet li titlaq mid-dar, flimkien ma' binthom G u tibda ggib l-istudenti. Il-konvenut kien beda jirrabbja u jinsisti maghha biex ma titilqux wara 32 sena mizzewwgin. Imbaghad bdew sensiela ta' vendikazzjonijiet li ssemmi

l-attrici u kien hemm incident fejn beda jinsisti mal-attrici sabiex jirrikonciljaw, izda meta kienet telqet ‘il barra kien hebb ghaliha. Spiccaw il-Qorti u l-konvenut kien wehel multa ta’ €1,600 u ma setax jikkomunika aktar mal-attrici. Minflok spicca kien hemm sensiela ta’ persekuzzjonjiet u theddid li ssemmi l-attrici.

4. Fil-5 ta’ Mejju, 2009, l-attrici kienet fethet il-proceduri ta’ separazzjoni, wara li kienet bdiet il-medjazzjoni u spiccaw irrikonciljaw peress li l-konvenut kien jidher li kellu intenzjonijiet tajbin. Kienu anke qed isegwu kors ta’ family therapy ma’ Mariella Blackman, li kienet ukoll tal-parir li ghandhom jirrikonciljaw. Fil-fatt, fis-26 ta’ Ottubru, 2011, kienet waqqfet il-proceduri ta’ separazzjoni.

Wara sentejn il-konvenut kien rega’ beda jinbidel jidghi, jirrabbja u jsabbat u kien rega’ beda jdum ix-xoghol. L-attitudni tieghu kienet bdiet issir aktar negattiva u aggressiva.

5. Fiz-zmien li kienet se tizzewweg it-tifla G, il-konvenut kien beda jigdeb lill-familja tieghu, bhal ighid li kellu kancer u li ma kellux bizzejjed flus biex ihallas ghal-libsa ghat-tieg ghall-attrici.

6.Ghall-habta ta' Novembru, 2016, il-konvenut kien beda jpejjep u jixrob regolarment id-dar. Fit-tieni gimgha ta' Dicembru, l-affarijiet bejniethom kienu regghu spiccaw hazin, il-konvenut kien ighajjarha u kien iqatta' hafna hin barra mid-dar. Ghalhekk kienet telqet u marret taghmel gimgha mal-habiba taghha. Meta ddecidiet li terga' tmur lura, kienet bdiet tissusspetta li l-konvenut kien qed jabbuza mid-droga kokaina, peress li kienet sabet flixkun tal-plastik b'toqba, b'straw ghaddejja minn go fiha. Meta hadet parir mill-Caritas kienu qalulha li l-flixkun kien jissejjah bong u juzawh biex ipejpu l-kokaina jew l-ismack. Meta kkonfrontat lill-konvenut kien innega kollox u stqarr li kien qed jiehu medicina minhabba l-problemi li kellu bil-prostata. L-attrici bdiet tinduna li kien beda jirqaq u kien sar traskurat u mahmug hafna.

F' Gunju, 2017 kienet iddecidiet li titlaq ghal darb'ohra u kienet sabet post f' Dar Merhba Bik u hemm saret taf minghand it-tfal li sid il-kera kien kecca lill-konvenut mid-dar fejn kienu jikru peress li ma kienx hallas il-kera. Ftit wara fethet il-proceduri ta' separazzjoni. Kemm il-darba baqqghet f' Dar Merhba Bik kien kontinwament jara kif se jaghmel kuntatt maghha, pero' qatt ma kellmitu.

7. Recentement, l-attrici tghid li wara li kienet xehdet f'dawn il-proceduri, il-konvenut kien ghamel zmien jippersegwitaha u kien biss meta spicca l-

habs li hadet ir-ruh. Kienet taf li kien gie arrestat diversi drabi u mill-ahbarijiet saret taf li kien gie arrestat fuq swat fuq ommu u ohtu u li kien anke seraq minn gewwa dar f' Hal Qormi minhabba l-vizzju tad-droga.

Ghal Milied u ghall-birthday kien  baqa' jibghatilha l-kartolini jew il-fjuri u kienu jsiru diversi telefonati lix-xelter fejn kienet tinstab isaqsu ghaliha u meta kienu jippruvaw icemplu lura ma kienux jirrispondu.

Saret taf li meta hareg mill-habs fi Frar, 2019 bintha Daniela bdiet tissusspetta fil-konvenut li kien ghamlilha l-hsara fil-karozza, kif kien ghamel meta l-attrici kienet bdiet il-proceduri ta' separazzjoni.

7.Bernardette Briffa, residential social worker ma' Dar Merhba Bik ikkonfermat li l-attrici kienet ghadha tghix maghhom. Kienet dahlet l-ewwel darba fis-26 ta' Gunju, 1998 u qaghdet ghal-lejl biss u regghet dahlet fis-26 ta' Gunju, 2017 minhabba homelessness, ghaliex il-konvenut kien naqas li jhallas tlett skadenzi tal-kera tal-fond. Tikkonferma ukoll li l-konvenut kien jikkomunika maghhom, anke permezz ta' Facebook, fejn gibdulu l-attenzjoni li ma kienx approprjat li jibghat messaggi li martu fuq is-sit socjali taghhom.[1]

[1] Ara Dok. BB1

8.Mario Magro in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar, xehed li l-attrici kienet applikat ghall-akkomodazzjoni socjali f'Awissu, 2017 u r-raguni kienet minhabba li kienet toqghod Dar Merhba Bik peress li kellha titlaq mid-dar matrimonjali minhabba vjolenza domestika. Ighid li l-applikazzjoni kienet ghadha pendenti, izda peress li kienu ghadhom lanqas isseparaw kien jehtieg il-firma tal-konvenut ghax meta jinghata post, l-attrici jkollha tiffirma konvenju ta' kirja. [2]

9. L-Ispettur Christina Delia, L-Ispettur Bernardette Valletta, L-Ispettur Leroy Balzan, l-Ispettur Colin Sheldon lkoll esebew diversi rapporti li saru mill-attrici kontra l-konvenut.[3]

10. Silvana Calleja – Warrant 422 mid-Domestic Violence Unit xehdet li l-attrici kienet talbet l-ghajnuna u fl-2017 kienet dahlet f'Dar Merhba Bik u dan minhabba vjolenza domestika u soffriet abbuz emozzjonali u verbali. Kienet spjegat ukoll li l-attrici kienet ammettiet maghha li l-konvenut kienet qed jabbuza mid-droga b'mod eccessiv u kien ghamel hafna dejn.

---

[2] Ara Dok. MM1
[3] Ara Doks. Cd1- Cd3, BV 1 – BV 8, Dok. LB 1- LB 7, Dok.LS 1

11. Maria Mifsud, in rapprezentanza tal-Housing Authority ipprezentat rapport li hejjijt hi biex taghmel assessment jekk kienx hemm ragunjiet sabiex l-attrici tikkwalifika ghall-akkomodazzjoni socjali.[4]

**MANTENIMENT**

1.L-attrici tikkonferma li llum qed tircievi pensjoni fis-somma ta' €442 fix-xahar u dwar il-konvenut tghid li ma tafx x'inhu jaghmel bil-kumpaniji li kien ghad fadallu f' ismu u l-flus,

2. Diane Desira in rapprezentanza ta' Jobsplus ikkonfermat li l-konvenut kien registrat li jahdem bhala managing director tas-socjeta' TMT Limited u skond hi kienet ghadha qed topera peress li kien hemm impjegati li kienu rregistrati bhala impjegati maghhom.[5]

Dwar l-attrici jirrizulta li ma kinitx registrata u skond l-istatus taghha jirrizulta li ma kinitx tahdem.[6]

3. Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, jikkonferma li l-konvenut kien ircieva beneficcji ta' *deficiency*

[4] Ara Dok. MM 1
[5] Ara Dok. DD1 u DD 2
[6] Ara Dok. DD3 u DD4

*contribution benefit* u cioe' pensjoni li tkun ridotta peress li ma jkunx hemm bizzejjed bolol. Kien thallas bejn l-12 ta' Novembru, 2017 sal-31 ta' Dicembru, 2018 u s-somma kienet  tammonta ghal €284.25.[7]

Dwar l-attrici ighid li din kienet tircievi zewg beneficcji, wahda ta' AP (Age Pension) u cioe' mhix pensjoni kontributorja. Mis-6 ta' Jannar, ikkonferma li l-attrici qed tircievi €110.46 fil-gimgha, kif ukoll €3.12 fil-gimgha bhala special bonus. Tircievi ukoll bonus li jithallas darba kull sitt xhur fl-ammont ta' €135.10, flimkien ma' €0.47 fil-gimgha bhala cost of living bonus.[8]

Inghad ukoll li l-attrici kienet tircievi allowance supplementari ta' €6.49 fil-gimgha u dan minhabba ma kinitx taqbez it-threshold fuq l-ammont ta' pensjoni li kienet tircevi l-attrici.[9]

---

[7] Ara Dok. ST1

[8] Ara Dok. ST2

[9] Ara Dok. ST3

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

**Loans**

1. L-attrici tikkonferma li kienet taf li kienu jezistu xi loans jew overdrafts, izda ma kinitx certa f'xiex kienu jikkonsistu. Kienu hadu loan ghall-post li kienu xtraw in-Naxxar pero' dina kienet thallset kollha peress li kienu bieghuha.

**Vetturi**

2. L-attrici kienet tuza' l-vettura b'numru ta' registrazzjoni FBP 487, izda maz-zmien saret taf li l-konvenut ma kienx qed ihallas il-licenzja u kien wieghdha li sew ihallashom, izda dan m'ghamlux u kien hemm diversi citazzjonijiet fuq l-istess vettura.

Dwar il-konvenut tghid li kellu hafna vetturi pero' ma kinitx taf liema kienu registrati f'ismu u liema kienu registrati f'isem il-kumpaniji.

Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta pproduca provi rigwardanti vetturi li rrizultaw li kienu jew li huma prezentement irregistrati f'isem il-partijiet. Hemm vettura wahda rregistrata f'isem Kwik-Fit Silencers Ltd. u li kien hemm ohra rregistrata f'isem l-istess socjeta'. Ma jirrizultax li hemm jew li ghad kien hemm vetturi rregistrati

fuq isem is-socjetajiet l-ohra. [10] Irrizultawlu li kien hemm diversi citazzjonijiet minhabba kontravenzjonijiet, kif ukoll CVA fees.

3. **Dghajjes**

Il-konvenut kien xtara dghajsa flimkien ma' huh u hu kien hallas Lm4,000 bhala sehemhu.

4. **Kumpaniji**

L-attrici tikkonferma li l-konvenut kellu diversi kumpaniji f'ismu u anke shab ma' terzi persuni pero' ma kinitx taf x'kien attiv u x'ma kienx. Kienu anke ghamlu xi zmien jahdmu mieghu t-tfal, izda gieli kienu jispiccaw ihallsulu d-dejn. Tikkonferma ukoll li kienet rat dokument fejn il-konvenut kien ha xi flus fuq l-idejn fuq il-kumpaniji li kienu f'ismu.

(i) Il-Prokuratur Legali Quentin Tanti, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji pprezenta diversi dokumenti relatati ma' diversi socjetajiet appartenenti lilll-komunjoni tal-akkwisti:-

- Multi Repairs Services Limited
- Speedy Holdings Limited
- Speedy Holdings Station Limited

[10] Ara Dok. SC1 – SC12

- Speedy Rent-a-Car Limited
- Speedy Trading Agency Limited
- KWIK-Fit Silencers Limited
- TMT Limited
- Balsons Autoparts Company Limited[11]

Dwar Kwik-Fit Silencers Ltd. l-attrici nnegat li kienet iffirmat xi dokumenti relatati ma' din is-socjeta' u tichad li kienet taf li kellha 100 share f'isimha u li kienet company secretary. Id-dokumenti l-ohra tikkonferma li kienet iffirmathom hi, pero' tametti li kienet tiffirma ghax il-konvenut kien joqghod jiffittaha u lanqas kienet taf x'kienet qed tiffirma.

**<u>BANEK</u>**

1. Stephen Baldacchino, in rapprezentanza ta' BNF Bank ikkonferma li kien sab kont fl-isem l-attrici, kont kurrenti bin-numru 28974910001 li li llum jinsab maghluq mis-7 ta' Mejju, 2015.[12]

Dwar dan il-kont, l-attrici tispjega li kien il-konvenut li kien gieghla tiftah dan il-kont f'isimiha u dan kien fis-6 ta' Dicembru, 2013. Il-konvenut kien igieghla tiffirma diversi cekkijiet biex ihallas in-nies bihom, izda mbaghad

[11] Ara Doks. QT1A- QT 8B
[12] Ara Dok. SB1

bdew jinqalghu l-problemi peress li ma kienx ikun hemm bizzejjed fondi. Tghid li mbaghad kienu baghtu ghaliha mill-fergha ta' San Gwann li kienu tawha l-parir li ghandha taghlaq il-kont minhabba l-problemi li kienu qed jinqalghu.

2. Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. sabet zewg kontijiet, savings account f'isem il-konvenut u kont savings f'isem l-attrici.[13]

Fuq is-socjeta' TNT Ltd. sabet kont wiehed savings f'sterling.[14] Fuq is-socjeta' Balsons Autoparts Company Limited tghid li l-Bank kien fetah proceduri kontra s-socjeta' li kienu ghadhom pendenti.[15]

Irrizulta ukoll li kien hemm overdraft in konnessjoni mal-istess socjeta', kif ukoll loan. [16]

L-attrici tispjega li ma kinitx konsapevoli ta' dan id-dejn.

---

[13] Ara Dok. BOV 1 u BOV 2

[14] Ara Dok. BOV 1

[15] Ara Dok. BOV 2

[16] Ara Dok. BOV 3-BOV 7

3. Aldo Meli, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ighid li kellhom kawza kontra l-konvenut citazzjoni numru 1834/99 NA datata 3 ta' Novembru, 2000 u kien baqghalhom jigbru l-ispejjes legali. [17]

   Rigward Balsons Limited jikkonferma li kien hemm kawza pendenti rikors guramentat 7/2016/LSO.

   Esebixxa ukoll statement of accounts fejn gie kkalkulat imghax bis-simple interest skond il-ligi, li qieghed isir claim fuqu.[18]

4. John Haywood, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. xehed li mir-ricerka li ghamel fuq isem il-partijiet u s-socjeta' Kwik-Fit Silencers Ltd. kien hemm proceduri ta' subbasta tal-garaxx Frank's Garage B'Kara Rd, San Giljan u 60, B'Kara Rd, San Giljan.[19]

5. Edward Mizzi in rapprezentanza tas-socjeta' HSBC Bank Malta plc. jikkonferma li l-partijiet kellhom tlett loans fis-sena 2002 u dawn kellhom bilanc ta' Lm132.525 u eventwalment thallsu mill-bejgh ta' Birguma Properties.

---

[17] Ara Dok. NA
[18] Ara Dok. BOV 7
[19] Ara Dok. JH1 – JH2

6. Brian Baldacchino, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. irrizultalu dejn f'isem Kwik-Fit Silencers Ltd. u jikkonferma ukoll li kienet giet iffirmata kostituzzjoni ta' debitu fuq tlett kontijiet.[20]

**TAXXI u KAWZI**

1. Joseph Debono, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u kkonferma li mis-sena 1999 sal-lum il-konvenut qatt ma kien baghat ir-return tat-taxxa. Fin-nuqqas tar-return id-Dipartiment johrog stima. Isir ukoll assessment mill-Kummissarju u dan l-assessment isir fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju.[21]

   L-attrici tistqarr li ma kinitx taf li ma kienx iddikjara d-dhul ghall-finijiet tat-taxxa u fil-fatt kienu ttiehdu passi kontrih mid-Dipartiment tal-VAT.

2. Maria Dolores Fenech, Assistant Registratur Qrati Kriminali, pproduciet provi li kien hemm tlett kawzi, izda wahda minnhom biss kienet giet deciza u giet segwita b'sentenza tal-appell. [22]

3. Dr. Alexia Aquilina pprezentat lista tad-diversi kawzi, mandati u atti li hemm il-Qorti kontra l-konvenut f'ismu proprju, kif ukoll f'isem is-socjeta' Speeding Holdings Limited, Speedy Trading Agency Ltd. Kwik-Fit Silencers Ltd. TMT Ltd. u Balsons Autoparts Company Limited.[23]

[20] Ara Dok.BB1
[21] Ara Dok. JD1 – JD 5
[22] Ara Dok. MDF 1- MDF 3
[23] Ara Doks. AA1- AA3

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**RESPONSABBILITA'**

**1. Dwar Sevizzi u Ingurji gravi**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu

sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza***

***tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas taht l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti

bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz.***"

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima.***"

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[24]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[25]

Mir-rizultanzi processwali l-konvenut huwa persuna possessiva, manipulattiva u aggressiva. Ma kienx ighinha hafna lill-attrici u lanqas kien ta' sapport ghaliha meta kellhom erbat itfal. Kien ukoll ihalliha nieqsa mill-flus u ghamilha hafna djun, bla  ma kienet taf dwarhom.

[24] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[25] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

Il-konvenut kien beda jilghab bis-sentimenti tal-attrici, meta telaq lejn l-Amerika u beda jsemmi li kellhom inkwiet bejniethom minhabba li kienet involuta fil-*prayer groups* u meta gie lura qisu ma kien gara xejn, pero' fl-istess waqt kien beda jibghatilha ittri anonimi fejn beda jallega li qiedgha f'relazzjoni ma' persuna mill-komunita'. Spiccat li kellha tieqaf milli tattendi dawn il-gruppijiet.

Is-sitwazzjoni marret ghall-aghar ghax il-konvenut kien iqatta' hafna hin barra mid-dar u hemm indikazzjonijiet li seta' kien hemm nisa ohra u peress li kien sar aktar irresponsabbli u abbuziv, kienet iddecidiet li titlaq mid-dar, flimkien ma' bintha G u minn hawn bdew sensiela ta' persekuzzjonijiet u vendikazzjonijiet minn naha tal-konvenut, li spiccat kellha ddahhal il-pulizija fin-nofs u tressaq il-Qorti.

L-attrici kienet bdiet proceduri ta' medjazzjoni u fuq parir ta' Dr.Mariella Blackman kienet regghet iddecidiet taghti l-konvenut cans iehor. Ghal bidu kien kollox rega' miexi harir, sakemm bdiet tinduna li beda jabbuza mid-droga u kien sar iktar aggressiv u beda jaghmel aktar dejn. Meta l-attrici regghet hadet id-decizjoni li titilqu u kellha ssib ghajnuna f'Dar Merhba Bik, il-konvenut beda bl-istess atteggjament isegwiha, jippersegwitaha u jipprova jikkomunika mal-istaff tax-xelter biex jirrikonciljaw.

Dawn il-provi kollha jirrizulta li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, minacci, eccessi u ingurji gravi.

**MANTENIMENT**

Dina l-Qorti rat is-sottomissjonijiet tal-attrici u tapprezza r-ragunament taghha. Il-Qorti tifhem ukoll il-preokkupazzjonijiet taghha, pero' jibqa' l-fatt li l-konvenut irrenda ruhu hati tas-separazzjoni u ghaldaqstant ta' dan ghandu jkun responsabbli.

Ghaldaqstant, tikkonferma t-talba tal-attrici li l-manteniment taghha tinghata nofs il-pensjoni dovuta lill-konvenut u dan ghandu jinqata' direttament mid-dipartiment koncernat.

**DAR MATRIMONJALI**

Mill-provi rrizulta li l-partijiet kellhom ibieghu d-dar matrimonjali sabiex ihallsu d-djun u spiccaw krew post bl-isem "Natasha," 105, Triq il-Mediterran, San Giljan, bir-rizultat li l-konvenut ma kienx qed ihallas il-kera u spiccaw tkeccew mill-post. Kien f'dan iz-zmien li l-attrici talbet l-ghajuna ta' Dar Merhba Bik, fejn kienet ghadha qed tghix.

Ghaldaqstant, m'ghadx hemm lok li l-Qorti tikkunsidra l-mertu tad-dar matrimonjali aktar.

**KOMMUNJONI TAL-AKKWISTI**

1. Mir-rizultanzi processwali, l-attrici kienet tafda wisq f'idejn il-konvenut li kien jiggestixxi diversi kumpaniji, flimkien ma' hutu , kif ukoll wahdu. Gieli kien igieghla tiffirma u lanqas kienet tkun taf ghaliex. L-attrici tikkontesta l-firma taghha ukoll fuq it-twaqqif tal-kumpanija Kwik-Fit Silencers Ltd.. Skond id-dokumenti tal-MFSA fit-18 ta' Novembru, 2003,

il-konvenut kien irrizenja minn direttur tas-socjetatjiet Speedy Holdings Ltd (C 3596) u Speedy Trading Agency Ltd (C 3597). Kien irrizenja ukoll bhala direttur tas-socjeta' TMT Ltd. Jidher li baqa' jidher bhala direttur tas-socjeta' Kwik Fit Silencers Ltd. ( C 18206) u tas-socjeta' Balsons Autoparts Company Ltd u bhala azzjonist ukoll (70 ordinary shares).

2. Ir-Registratur tal-Qrati Civili pprezenta diversi proceduri gudizzjarji kontra l-konvenut u xi uhud kontra l-attrici ukoll, flimkien ma' xi mandati. Dawn il-pretizi krediti jammontaw ghal €350, 120.10[26]. L-attrici tirrileva li ma kellhiex hjiel kemm hallas il-konvenut minn dan id-dejn u tistqarr ma kinitx taf jekk kellux aktar dejn.

3. Gew esebiti bhala provi diversi mandati ezekuttivi li flimkien jammontaw ghal total ta' €54, 629.02[27]. Jirrizultaw ukoll mandati kawtelatorji li huma s-segwenti:-

i) Mandat nru. 966/2008 ( vs DC u AC - €3,641.65
ii) Mandat nru.967/2008 (vs DC u AC ) - €3,641.65
iii) Mandat nru. 1267/2017 (vs DC/ AC ) - €20, 347.95

4. Jirrizulta li l-kontijiet bankarji huma lkoll issekwestrati minhabba dawn id-dejn fuq surriferi. Jirrizulta inoltre, li kien hemm dejn li gie amalgamat f'dejn wiehed mal-HSBC. Fic-cirkostanzi, peress li d-dejn kollu sar ad insaputa tal-attrici, inkluz dak mal-banek, ghandu jigi kollu assunt mill-konvenut, salv id-dritt ta' indenizz kontrih mill-attrici kemm il-darba jkun hemm rivalsa kontra taghha. Filwaqt li kulhadd ghandu jzomm il-kontijiet bankarji tieghu.

[26] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pagna 13.
[27] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pagna 13/14

## VETTURI U DGHAJJES

i) L-attrici kellha vettura b'numru ta' registrazzjoni FBP 487, Toyota Tercel, izda ghalkemm ma kinitx ghadha fil-pussess taghha, saret taf li kien hemm diversi kontravenzjonijiet li ma kienx hallas il-konvenut u kienu waslu ghall-total ta' €1,035.71. Kienet waslet ghall-ftehim mal-LESA fejn qiedgha thallas €34.94 fix-xahar.

ii) Transport Malta ikkonferma li hemm diversi vetturi f'isem il-konvenut jew f'isem il-kumpanji gestiti mill-konvenut. L-attrici ma tafx x'sar minnhom dawn il-vetturi u jekk ghadhomx fil-pussess tal-konvenut, stante li hemm diversi mandati ta' qbid fuq il-diversi vetturi registrati f'isem il-kumpanji.

L-attrici mhux qed tippretendi li tigi assenjata dawn il-vetturi, pero' lanqas mhi disposta li thallas nofs is-somma ta' €3,010.76 stante li dawn jirrapprezentaw hlas ta' kontravenzjonijiet fuq dawn il-vetturi, flimkien mal-penali.

iii) Dwar id-dghajjes, jirrizulta li l-konvenut kien xtara dghajsa shab ma' huh u kien hareg is-somma ta' €4,000 ghaliha. Illum tinsab f'idejn hu il-konvenut.

Il-konvenut kien xtara dghajsa ohra bl-isem Francesca, li kien xtara shab ma' haddiehor, izda llum jinghad li nbieghet, izda l-attrici ma gabitx provi fuq dan il-bejgh u lanqas tal-valur ta' din id-dghajsa.

L-attrici qed tippretendi li tinghata nofs il-valur ta' dawn id-dghajjes. Mhux kompitu facli ghal dina l-Qorti jekk ma jirrizultawx

provi fuq l-ammont u jekk id-dghajsa "Francesca," hix ghadha fil-pussess tal-konvenut. Ghalhekk bhala ekwiparazzjoni, l-attrici ghandha tithallas is-somma ta' €4,000 bhala sehemha mid-dghajjes.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi:-

1. Tilqa' t-talba attrici minhabba tortijiet unikament attribwibbli lill-konvenut.

2. Tilqa' t-talba attrici u tordna li l-attrici tircievi f'forma ta' manteniment, nofs il-pensjoni tal-konvenut u tordna li l-istess pensjoni tigi mnaqqsa direttament mid-dipartiment koncernat u jithallas direttament lill-attrici f'kont bankarju ndikat minnha stess. L-istess manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

3. Tilqa' t-tielet talba.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tillikwidaha skond kif msemmija aktar 'l fuq fis-sens li

    i) Kwalsiasi dejn kemm mal-banek, kemm dak li jirrizulta mill-proceduri gudizzjarji, kif ukoll mid-diversi mandati ezekuttivi, kif ukoll dejn relatat mad-diversi citazzjonijiet inkluz dawk ezistenti fuq il-vettura tal-attrici b'numru ta' registrazzjoni FBP 487, Toyota Tercel, ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

    ii) L-attrici ghandha tircievi s-somma ta' €4,000 bhala sehemha mid-dghajjes, kif spjegat aktar 'l fuq;

iii) Kulhadd ghandu jzomm il-kontijiet bankarji tieghu.

5. Tilqa' l-hames talba attrici, b'dana pero' ma semmiet l-ebda proprjeta' parafernali u dotali.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici.

7. Tilqa' s-seba' talba.

8. Tilqa' t-tmien talba attrici.

9. Tilqa' d-disa' talba

10. Tilqa' l-ghaxar talba.

L-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**